# Attivitajiet Novembru 2022

***L-4 ta' Novembru.*** Is-Santwarju Qalb ta' Ġesù Żebbuġ—19.30. Quddiesa ma' Fr. Saviour.

***Il-11 ta' Novembru*** – Project House-20.00. Taħdita minn Nutara Antonella Navarro.

***It 18 ta' Novembru*** – Project House-20.00. Laqgħa Straordinarja.

***Il-25 ta' Novembru –*** Ikla La Sorpresa Restaurant. 20.00.

**Menu**

**Starers-** Soup of the Day jew ravioli di pecora jew mushroom in garlic jew penne salmone

**Main –** Pan seared Salmon or Chicken breast or BBQ spare ribs or rib eye steak or swordfish

Dessert and soft drink.

Prezz - €26. Booking permezz ta'  Revolut għand Maureen Tarpey fuq 79895387

***Il-Ħadd,  Is-27 ta' Novembru — Irtir ġewwa l-Imdina***

*Għaġin il-forn jew soppa*

*Laħam jew tiġieġ*

Prezz-22€. Booking permezz ta'  Revolut għand Maureen Tarpey fuq 79895387

# Party tal-Milied

## DB Qawra. Is–Sibt 17 ta' Diċembru

Chai

MINUS ONE
Il-Grupp Malti li joffri Sapport lir-Romol
https://minusone.eu
info@minusone.eu

Volum 25
Ħarġa 11
Novembru
2022

**Ħbieb,** fid-dinja ssib min jaħseb li hu dejjem jiġi l-aħħar u l-ħażin jiġri lilu biss u ssib dawk li jaħsbu li d-dinja mingħajrom ma timxix għax dejjem fuq quddiem, jippredentu li jkunu dejjem fuq quddiem. Jekk tinzerta tkun fin-nofs jimbuttawk fil-ġenb. Jaħsbu li għadhom il-jedd divin li dejjem jiġu l-ewwel. Mhux qiegħed nikteb fuq xi festival jew xi kampjonat. Qed nikteb fuq ir-realtà tal-ħajja.

Dejjem ngħid jien li din id-dinja mhux ġusta. Min jitwieled ġewwa palazz u min jitwieled f'għalqa mingħajr biss ikollu x'jiekol jew x'jilbes. Min jgħix f'demokrazija u min m'għandu drittijiet ta' xejn. Min isib il-bibien dejjem miftuħa u min biex jiftaħ bieb ikollu jiskussah. Tal-ewwel u tal-aħħar.

Hawn ħafna romol madwar id-dinja li m'għandhom drittijiet ta' xejn. Tant m'għandomx drittijiet li n-Nazzjonijiet Uniti waqqfu Jum sabiex ikattar aktar it-tagħrif għax fid-dinja għad hawn min jiġi l-aħħar mingħajr drittijiet ta' xejn. Anke sidna Ġesù Kristu kien qal parabbola fejn semma tal-ewwel u tal-aħħar. Ġesù kien qal li tal-ewwel jiġu l-aħħar u tal-aħħar jiġu l-ewwel. Fid-dinja mmexxija min-nies, dan ma jiġrix.

Aħna r-romol għandna l-vizzju li nżommu pass lura għax naħsbu li aħna nferjuri għal min għandu ħajja hekk imsejħa normali. Naħsbu li l-ħajja tagħna mhix normali u allura m'għandnix dritt li nkunu normali. Wara kollox in-normali x'inhu jekk mhux dak li nagħmlu aħna. In-normalità tagħna hija li aħna romol. Mhix xi ħaġa sabiħa imma hija verità li rridu naċċettaw u naħdmu fuqha. Dritt li nkunu aħna kif aħna bit-tajjeb u bil-ħażin tagħna. Bil-karattru tagħna. Din il-biċċa li nħossuna inferjuri tinkwetani ħafna lili.

Jien irridkom li minkejja kollox iddaħħluha darba għal dejjem f'moħħkom li aħna nies daqs u bħall ħaddieħor. Veru li għandna ferita kbira f'qalbna imma aħna wkoll importanti. Nifhmu li hawn min iħobbna u hawn nies oħra li għalihom aħna importanti. Wara kollox il-Malti jgħid li min għandu salib u min għandu domna. Kulħadd b'xi ħaġa u kulħadd tiegħu iħoss. Taqblu?

*Ikompli f'paġna2*

Għandna d-dritt li nerġgħu nitbissmu. Għandna d-dritt li mmorru niżfnu u nkantaw. Għandna d-dritt li nsiefru u niddevertu. Għandna d-dritt li nerġgħu nħobbu u għandna d-dritt li jkollna l-ħbieb. Le. Għax aħna romol ma spiċċax kollox. Il-ħajja għalkemm ma daħqitilnix dejjem, hi sabiħa. Għandna d-**dover** li ngħinu lil xulxin, mhux karità imma dover.

Tħabblux raskom jekk jiġġudikawkom. Jien laqqattha wkoll. Naf li tweġġgħu imma agħmlu bħali u żommu 'l kulħadd ta' li hu. Min iġarrab biss jista' jifhimna. Wara kollox aħna qed ngħixu ħajja imposta fuqna. Il-pjanijiet tagħna ma kinux hekk u aħna m'għandniex tort fuq li ġara. Tħossukomx ħatja għax bħali ddeċidejtu li tgħixu. Ħatja ta' xiex?

Fuq bażi personali, Ottubru kien xahar iebes ħafna għalija. Il-birthday tal-mara u l-anniversarju tat-tieġ. Minn naħa l-oħra kelli l-brithday jien u anke s-sieħba tiegħi. Imma jien iddeċidejt li meta jaslu dawn id-dati nqum qawma fuq tiegħi u niġġieled mal-memorji. Il-memorji ser jibqgħu jiġu. Irridu naħdmu biex ma jibqgħux ikissruna, anzi jiena nħossni tajjeb meta niftakar f'dawn il-memorji.

Bħala grupp, Ottubru jfisser li nibdew niltaqgħu ġewwa. Nisperaw biss li nkunu nistgħu nużaw Project House. Jibda jkollna l-laqgħat ġewwa sakemm bil-mod il-mod nibdew nersqu lejn il-Milied. Kollox jasal ħbieb. Nemmen li għada jkun aħjar mil-lum.

Fil-ħajja jiena ma nħossni inferjuri għal ħadd. La inferjuri u lanqas superjuri. Jien normali għax jiena wkoll importanti. Jiena wkoll għandi min iħobbni. Jiena ma naċċettax li niġi ma' tal-aħħar. Lanqas irrid niġi ma' tal-ewwel. Irrid biss li nagħmel dak li nista' f'din il-ħajja imposta fuqi.

## Victor

———————————————

Ħbieb, fit-18 ta' Novembru qed insejħilkom għal-Laqgħa Straordinarja fejn se nkun qiegħed nitlob li l-età sabiex wieħed jidħol membru magħna titla' għal 65 sena li wara kollox hija wkoll l-età pensjonabbli.

Nifhem li l-ħajja tar-romol evolviet. Romol żgħar m'għadomx ifittxu gruppi bħal tagħna. Nifhem ukoll li l-bniedem illum jibqa' attiv anke jekk ikollu 64, 65 sena. Żgur li armel/armla ta' din l-età jkun fadlilom ħafna għal xiex jgħixu. Ikun dritt tagħhom li jgħixu. Domt ħafna naħseb fuq din il-biċċa sakemm iddeċidejt. Ngħid grazzi lil sħabi tal -kumitat.

**Jum il-Qaddisn kollha.** Il-kommemorazzjonijiet tal-martri hija komuni għal bosta Knejjes differenti. Dawn bdew jiġu ċċelebrati fir-raba' seklu. Fil-Punent, din il-festa tista' tkun ġejja mill-festa Rumana li tiċċelebra l-anniversarju tat-trasformazzjoni tal-Panteon ġewwa knisja ddedikata lill-Verġni u l-martri kollha. Din saret fit-13 ta' Mejju 609 jew is-610. Aktar tard, il-Papa Girgor III (731-741) għażel l-1 ta' Novembru bħala d-data tal-anniversarju tal-konsagrazzjoni ta' kappella lil San Pietru lir-relikwi tal-appostli qaddisin u tal-qaddisin, martri u konfessuri kollha. Meta wasal iż-żmien ta' Karlu Manju, il-festa ġiet iċċelebrata b'mod aktar wiesa f'Novembru. Fl-1 ta' Novembru 835, saret festa obbligatorja mir-re Luiġi.

**Tradizzjonijiet mid-dinja kollha.** F'diversi pajjiżi, Jum il-Qaddisin Kollha huwa festa pubblika, filwaqt li l-jum tal-kommemorazzjoni tal-mejtin (2 ta' Novembru) mhuwiex. Hija tradizzjoni fil-Grupp tagħna li fl-ewwel Ġimgħa nfakkru l-għeżież tagħna. Bħala riżultat, ħafna nies iżuru ċ-ċimiterju f' Jum il-Qaddisin Kollha. Fl-Awstrija u l-Bavarja hija drawwa fl-1 ta' Novembru li l-parrini jagħtu lill filjozzi għaġina minsuġa bil-weraq (Allerheiligenstriezel). Fil-Portugall, fid-Dia de Todos los Santos, it-tfal imorru minn bieb għal bieb u jirċievu kejkijiet, ġewż, rummien u ħelu. Jum il-Qaddisin kollha fil-Messiku jaħbat mal-ewwel jum taċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Mejtin (Día de Muertos). Fil-Gwatemala, f'Jum il-Qaddisin Kollha, titħejja ikla speċjali msejħa "fiambre", magħmula minn salami u ħaxix. Din titħalla fuq l-oqbra tal-maħbubin; hija drawwa wkoll li jtajru t- tajr bħala simbolu ta' unjoni bejn il-mejtin u l-ħajjin.

**Jum il-Qaddisin Kollha u Halloween.** Fl-Istati Uniti u l-Kanada, il-festa ta' Halloween tiġi ċċelebrata f'Jum il-Qaddisin Kollha, għalkemm iċ-ċelebrazzjonijiet huma ġeneralment limitati għall-31 ta' Ottubru. Matul is-seklu għoxrin l-osservanza saret fil-biċċa l-kbira sekulari, għalkemm xi gruppi Nsara komplew iħaddnu l-oriġini Nisranija tal-festa. Fil-lejl ta' Halloween, it-tfal jilbsu kostum u jmorru minn bieb għal bieb jitolbu ħelu ("trick or treat") filwaqt li l-adulti jistgħu jorganizzaw festini tal-kostumi.

